# SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

FORM 4 STUDJI SOĊJALI ĦIN : SIEGĦA U NOFS

A. M'hemmx dubju li l-ambjent huwa l-iżjed fattur importanti li jaffettwa l-ħajja tal-bniedem. Fuqu tiddependi ħajjitna u nagħmlu żball jekk ma nħarsuhx. Matul ħajjitna niġu influwenzati minn tipi ta' ambjent differenti.

Għaqqad flimkien billi tpoġġi numru fil-kaxxa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | ambjent edukattiv | | dak ta' l-irħula u kumpanija |
| 2. | ambjent naturali | | soċjalizzazzjoni primarja |
| 3. | ambjent soċjali | | dak fl-ibliet |
| 4. | ambjent familjari | | isaħħaħna fil-fidi u valuri |
| 5. | ambjent ekonomiku | | skond il-pożizzjoni ġeografika tal-pajjiż |
| 6. | ambjent ta' ħbieb | 1 | jgħallimna informazzjoni u ħiliet |
| 7. | ambjent reliġjuż | | interazzjoni bejn il-bniedem fis-soċjeta' |
| 8. | ambjent rurali | | bih napprezzaw l-Istorja u l-Arti |
| 9. | ambjent fiżiku | | ġej min-natura u mhux mittiefes mill-bniedem |
| 10. | ambjent kulturali | | joħloq il-ġid permezz tax-xogħol |
| 11. | ambjent ġeografiku | | jinfluwenzawni fit-tajjeb u fil-ħażin |

**( 1x10 = 10 marki )**

B. Aqra dawn li ġejjin u agħti tifsira tal-kelma b'sinjal taħtha;

1. F'ħajjitna rridu nkunu kapaċi nibnu relazzjoni ma' dawk il-persuni li ngħixu magħhom.

_______________________________________________

2. L-industrijalizzazzjoni ġabet magħha ħafna xogħol.

_______________________________________________

3. It-tniġġis iġib il-mard.

_______________________________________________

4. Bl-istudju tad-demografija niġbru informazzjoni u statistika dwar il-popolazzjoni.

_______________________________________________

5. Il-ġbir ta' l-iskart domestiku jsir kuljum mid-djar tagħna.

_______________________________________________

6. L-edukazzjoni tgħallimna li għalkemm ma naqblux f'kollox għandu jkollna spirtu ta' tolleranza.

_______________________________________________

7. Fejn hemm <u>il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema</u> jkun hemm iżjed ftehim bejnhom u bejn min iħaddimhom.

_______________________________________________________________

8. Fil-fabbriki jsir ħafna xogħol tal-<u>manifattura</u>.

_______________________________________________________________

9. <u>Il-pjan ta' struttura</u> ifassal l-iżvilupp li jista' jsir fil-pajjiż.

_______________________________________________________________

10. <u>Ir-riżorsi umani</u> huma ta' ġid kbir għall-pajjiż.

_______________________________________________________________

**( 1½ x 10 = 15-il marka )**

Ċ. <u>15 ta' Marzu .............Ġurnata tad-Drittijiet tal-Konsumatur.</u>

Is-Suq Ħieles jiġifieri l-opportunita' li kollox jinbiegħ u jinxtara minn kulħadd, ġab miegħu il-bżonn li l-konsumatur, jiġifieri kull min jixtri, jkun jaf id-drittijiet tiegħu. Fost dawn id-drittijiet insibu d-dritt li nagħżel, id-dritt għall-informazzjoni, u d-dritt għall-prodott tajjeb bi prezz ġust. Insibu wkoll id-dritt li ninqeda fil-bżonnijiet tiegħi u d-dritt li nieħu dak li ħallast għalih. Fuq kollox għandi d-dritt għall-irċevuta li permezz tagħha jkolli prova li jien ħallast għall-prodott jew servizzi.

1. X'inhu s-Suq Ħieles?

_______________________________________________________________

2. Min hu konsumatur?

_______________________________________________________________

3. X'jiġifieri dritt għall-prodott tajjeb bi prezz ġust?

_______________________________________________________________

4. X'jiġifieri dritt li nkun infurmat?

_______________________________________________________________

5. Għaliex kull prodott ikollu tikketta mwaħħla?

_______________________________________________________________

6. Xi tfisser id-data li jkun hemm fuq il-prodott?

_______________________________________________________________

7. X'inhi rċevuta?

_______________________________________________________________

8. X'inhu ċertifikat ta' garanzija u għaliex għandi nistaqsi għalih?

______________________________________________________________________

9. Taħseb li għax prodott ikun għali, jew ippakkjat sabiħ, ikun aħjar minn ieħor?

______________________________________________________________________

10. Għalfejn isiru r-reklami u għaliex għandna noqogħdu attenti għalihom?

______________________________________________________________________

( 1½ x 10 = 15-il marka )

D.



Xi kultant naraw stampa li tgħallimna ħafna affarijiet. Agħti ŻEWĠ raġunijiet għaliex fid-dinja tal-lum għandek bżonn:

1. tkun taf tikteb u taqra ______________________ ______________________
2. taħrab mix-xemx, l-iżjed fis-sajf ______________________ ______________________
3. tkun taf tħares saħħtek ______________________ ______________________
4. tibża' għall-ambjent ______________________ ______________________
5. tgħin lil ħaddieħor fil-bżonn ______________________ ______________________
6. tkun taf tuża l-kompjuter ______________________ ______________________
7. tkun taf x'qed jiġri madwarna ______________________ ______________________
8. toqgħod attent/a għar-reklami ______________________ ______________________
9. tkun taf tħares saħħtek fuq il-post tax-xogħol

______________________ ______________________

10. tkun taf kif tmur għal interview tax-xogħol.

______________________ ______________________

( ½ x 20 = 10 marki )

E. Ħares lejn il-mappa u wieġeb;




Il-tqassim tal-popolazzjoni fil-Gżejjer Maltin: Il-pressjoni tal-bniedem fuq l-ambjent tvarja minn post għall-ieħor. Fejn tinsab l-aktar pressjoni?

1. F'liema parti ta' Malta l-iżjed li joqogħdu nies?

______________________________________________________________________________

2. Semmi żewġ bliet kbar f'Malta.

(a) ____________________________ (b) ________________________________

3. F'liema parti ta' Malta l-inqas li joqogħdu nies?

______________________________________________________________________________

4. Semmi żewġ irħula żgħar f'Malta.

(a) ____________________________ (b) ________________________________

5. Għaliex taħseb li l-art u l-bini f'pajjiżna jiswa ħafna flus?

______________________________________________________________________________

6. Semmi żewġ postijiet fejn toqgħod int, u li fihom tela' ħafna bini ġdid.

______________________________________________________________________________

7. X'jiġifieri meta ngħidu irridu nżommu bilanċ bejn l-ambjent naturali u dak mibni?

______________________________________________________________________________

8. Għaliex twaqqfet l-Awtorita' ta' l-Ippjanar?

______________________________________________________________________________

( 1 x 10 = 10 marki )

F. Aqra dawn l-istqarrijiet li ġejjin, għal kull stqarrija għid jekk hix pożittiva ( tajba ) jew negattiva ( ħażina ) għalina u għas-soċjeta' li ngħixu fiha, u għaliex.

1. Nagħmel li rrid u niġi naqa' u nqum minn ħaddieħor.
Pożittiva: ____________ Negattiva: ____________ Għax: ______________________________

2. L-aħjar xogħol hu dak li bih l-Iżjed li naqla' flus.
Pożittiva: ____________ Negattiva: ____________ Għax: ______________________________

3. L-ambjent barra mid-djar jieħu ħsiebu ħaddieħor.
Pożittiva: ____________ Negattiva: ____________ Għax: ______________________________

4. Il-benefiċċji soċjali jħallas għalihom il-gvern.
Pożittiva: ____________ Negattiva: ____________ Għax: ______________________________

5. Il-liberta' tfisser li kulħadd jagħmel li jrid.
Pożittiva: ____________ Negattiva: ____________ Għax: ______________________________

( 2 x 5 = 10 marki )

G. Kull azzjoni li nwettqu, kemm jekk tajba kif ukoll ħażina, tħalli l-effett tagħha fuqna u fuq l-oħrajn. X'effett għandhom dawn fuq is-soċjeta'.

1. Soċjalizzazzjoni:- ________________________________________________________________

________________________________________________________________________

2. Il-valuri:- ________________________________________________________________

________________________________________________________________________

3. Il-kultura Maltija:- ________________________________________________________________

________________________________________________________________________

4. It-trejd Unjons:- ________________________________________________________________

________________________________________________________________________

5. It-Turiżmu:- ________________________________________________________________

________________________________________________________________________

( 2 x 5 = 10 )

H. Agħżel WIEĦED u ikteb kemm taf. Fil-brackets għandek xi punti biex jgħinuk, jekk triq tużahom.

1. Il-bniedem u l-ambjent jiddependu fuq xulxin.
( bilanċ - kumplessita' - interdipendeneza - dgħufija - tniġġis - riċiklaġġ - flora - fauna )

2. Il-popolazzjoni ta' Malta laħqet 380,000 u tad-dinja laħqet 6,000 miljun.
( spluzzjoni ta' popolazzjoni - rata ta' twelid - rata ta' mwiet - mediċina - djar - densita tal-popolazzjoni - pjan ta' struttura - Awtorita' ta' l-Ippjanar )

3. Is-Suq Ħieles jgħinna biex nixtru dak li rridu u jogħġobna, imma rridu noqogħdu attenti.
( prezz - domanda - offerta - ċiklu ta' produzzjoni u konsum - ħaddiema - min iħaddem - ftehim kollettiv - settur primarju, sekondarju u terzjarju - sigurta' fuq il-post tax-xogħol )

4. X'inhu x-xogħol tal-parlament?
( demokrazija - Speaker - seduti - vot- dibattitu - l-ewwel, it-tieni u t-tielet qari - firma tal-President - liġi )

5. Is-sehem tiegħek f'xi proġett jew attivita' ta' l-iskola.

**( 20 marka )**